# Il-Knisja ta' San Ġwann Battista fil-Għargħur

Lino Wettinger



Din il-knisja tinsab fin-naħa t'isfel ta' Triq San Ġwann, maġenb iċ-Ċimiterju tar-raħal. L-ewwel knisja li kien hemm minflok il-knisja preżenti kienet ġiet mibnija qrib is-Seklu Tlettax, wara t-tkeċċija tal-Għarab minn Malta, u nsibu li Viżitatur Appostoliku Monsinjur Pietru Dużina fl-1575. Meta dan il-Monsinjur għamel il-vista tiegħu fir-raħal, żar dik il-knisja u sab li din kienet fi stat tajjeb ħafna, iżda mingħajr rettur u mingħajr ħafna affarijiet għall-quddies u funzjonijiet oħra.

F'ċertu żmien din il-knisja ġiet użata minn komunita' ta' nies li kienu tkeċċew mill-belt ta' Celano, fl-Italja mir-Re ta' dik il-belt, Federiku II. Dawn in-nies kienu ddedikaw din il-knisja lil San Ġwann Battista u lil San Ġwann Evanġelista, li kienu l-protetturi ta' belthom. Achille Ferris jgħid fil-ktieb tiegħu - *Descrizione delle Chiese di Malta e Gozo* - li l-knisja kienet l-eqdem waħda fir-raħal u kienet ġiet profanata fl-1659 mill-Isqof Balaguer Camarasa.

Bejn is-snin 1612 u 1638, din il-knisja kienet serviet bħala parroċċa meta l-knisja l-qadima ta' San Bartilmew kienet ġiet imwaqqa' biex minflokha tinbena l-knisja l-ġdida tar-raħal. Il-Kappillan tan-Naxxar, qabel ir-raħal sar parroċċa, kellu d-dmir li jiġi jagħmel il-Festa ta' San Ġwann ta' kull sena, b'quddiesa kantata f'din il-knisja.

Il-knisja li naraw illum ġiet mibnija minflok il-qadima fis-Seklu Sbatax. Dan nistgħu narawh mid-data fuq il-bieb prinċipali, fejn tidher is-sena 1675, filwaqt li fuq il-bieb tal-ġenb li jagħti għaċ-ċimiterju, tidher data oħra - 1678.



Din il-knisja għandha forma rettangulari, b'saqaf nofs tond imserraħ fuq l-arkati. Madwar il-kwadru titulari, li juri l-magħmudija ta' Kristu minn San Ġwann, hemm dekorazzjoni ta' skultura barokka. Il-pittura tal-kwadru tixbaħ lil dik il-parti li hemm fis-saqaf ta' San Ġwann tal-Belt, impitter minn Mattia Preti, filwaqt li l-kwadru ta' din il-

knisja tagħna ma nafux minn pittru.

Fuq il-bieb maġġur hemm lunettun b'dekorazzjoni ta' pittura fuq il-ġebla, li skond ir-restawratur Karmenu Said, din għandha valur storiku ħafna u għandha bżonn restawr. Mal-ġenb tal-ħitan ta' din il-knisja hemm imdendlin l-erbatax-il kwadru tal-*Via Crucis*, pittura bi gwarniċ skolpit, li qabel kienu fil-Knisja Parrokkjali minflok dawk li naraw illum.

F'din il-knisja kien hemm ukoll żewġ kwadri kbar. Wieħed *Ex Voto*, li juri l-Madonna bil-qiegħda fuq is-sħab bil-Bambin f'ħoġorha, u fuq kull naħa hemm Santu Rokku u San Bastjan. Illum dan il-kwadru ġie restawrat u jinsab fil-knisja ta' Santa Marija taż-Żellieqa. Il-kwadru l-ieħor juri l-Madonna bil-qiegħda bil-Bambin fi ħdana, b'Sant'Andrija u San Girgor Papa fuq kull naħa. Dan il-kwadru ġie rrestawrat ftit ilu u jinsab fis-Sagristija tal-Parroċċa.

Din il-knisja ta' San Ġwann Battista għandha faċċata sempliċi, b'pilastru fuq kull naħa tagħha. Il-bieb tan-nofs għandu gwarniċa żgħira fuqu u tieqa rettangulari ftit 'il fuq. Mal-bejt hemm gwarniċun bi frontispizju triangulari, b'kampnar żgħir li għandu salib fuqu u qanpiena żgħira mdendla fih. Mal-ġenb tal-knisja jinsab iċ-Ċimiterju tal-Parroċċa filwaqt li fuq in-naħa l-oħra hemm sagristija żgħira.

Żmien ilu, kienet issir il-festa ta' San Ġwann Battista, nhar l-24 ta' Ġunju, fejn kien isir għasar lejlet il-festa u quddiesa kantata nhar il-festa. Fil-għaxija kien isir għasar ieħor u Barka Sagramentali. Wara kienet issir il-ħuġġieġa quddiem il-knisja.

Ftit tax-xhur ilu, din il-knisja ġiet irrestawrata u ġiet fl-istat oriġinali tagħha u ta' dan nirringrazzja lill-Ministru George Pullicino u lill-ħaddiema tax-xogħol li wettqu dan ir-restawr. Prosit u grazzi lil kulħadd.

*Il-Kumitat tal-Festa ukoll jixtieq jirringrazzja lill-Ministeru tar-Riżorsi Umani u Infrastruttura, taħt il-Ministru George Pullicino, kif ukoll lilll-ħaddiema kollha li ħadmu f'dan ir-restawr, li kienu taħt is-sorveljanza tas-Sur Joe Borda. Grazzi mill-qalb.*



